# Meta miet eżatt Mro Antonio Miruzzi?



Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fil-ktieb tal-festa tas-sena l-oħra kont ġibt il-provi biex nuri meta twieled eżatt Mro Antonio Miruzzi, li fost ħafna baned oħrajn, kien imexxi l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija bejn l-1914 u l-1922. Dis-sena jaħbat ukoll l-75 anniversarju mill-mewt tiegħu, li ġrat fit-23 t'Ottubru 1944, fl-għomor ta' 78 sena, u allura jkun tassew xieraq niċċelebraw 'il dal-kompożitur prolifiku Malti billi nkomplu nitkellmu aktar dwar ħajtu, ħidmietu, u l-ħafna xogħlijiet sbieħ, bandistiċi u oħrajn, li hu ħallielna bħala patrimonju mużikali. Ħafna minn dax-xogħlijiet għadhom jinsabu merfugħin b'għożża kbira f'tant u tant arkivji mxerrdin ma' Malta u Għawdex. Għaldaqstant, dal-artiklu għandu jneħħi darb'għal dejjem kull dubju li jirrigwardja d-data li fiha miet.

Kliem muftieħ: Mro Antonio Miruzzi, University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica 'San Ġorġ' (Bormla), Soċjetà Filarmonika 'La Vincitrice' (Isla), Soċjetà Filarmonica Nazionale 'La Valette' (Valletta), Soċjetà Filarmonica 'San Piju X' (Lija), Għaqda Mużikali 'Sant'Andrija' (Luqa), Soċjetà Mużikali 'Nicolò Isouard' (Mosta), Soċjetà Filarmonika 'Santa Marija' (Mosta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica 'Leone' (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali 'Beland' (Żejtun)



Pittura biż-żejt ta' Miruzzi li tinsab fil-każin tal-banda 'Nicolo Isouard', Mosta

Jekk kien hemm persuna li kienet issegwi ħafna mill-qrib il-passi mużikali tas-surmast Miruzzi, mhu ħadd ħlief Joseph Mifsud Matrenza[1] (1918-2013). Dat-tnejn min-nies ta' sikwit kienu jiltaqgħu flimkien fil-każin tal-banda Ġużeppina Ħamruniża. Miruzzi, għad li kien irtirat[2], xorta waħda baqa' jiffrekwenta dal-każin peress li kien joqgħod bieb u għatba miegħu; u xorta waħda baqa' jikteb marċ brijuż kull sena 'l dis-soċjetà mużikali biex iżżanżnu fil-festa ta' San Gejtanu - xi ħaġa li baqa' jagħmilha tista' tgħid sa tarf ħajtu.[3] Min-naħa tiegħu, Mifsud Matrenza wkoll kien midħla sew tal-istess każin sa minn tfulitu minħabba missieru, u ftit qabel ma faqqgħet il-Gwerra, hu u sħabu l-għalliema spiss kienu jiltaqgħu hemmhekk biex iqattgħu siegħa żmien jilagħbu l-karti. U għalkemm kien ħafna iżgħar fl-età minn Miruzzi, Mifsud Matrenza sikwit kien jiltaqa' miegħu biex joqgħod ikellmu fuq il-mużika. Miruzzi miet sena qabel ma spiċċat il-Gwerra, filwaqt li Mifsud Matrenza daħal fil-kumitat ċentrali malli ntemmet, fejn imbagħad baqa' jagħti sehmu tul il-bqija ta' ħajtu. Iżda b'danakollu, id-



Il-funeral kbir li kien sar tas-Sur Temi Conti fil-Ħamrun fl-1932

---

[1] Storjografu ewlieni tal-banda Ġużeppina Ħamruniża.

[2] L-aħħar kunċert li ta ma' dil-banda kien fit-30 ta' Settembru, 1928. Hu kien ta parir lill-kumitat ta' dak iż-żmien biex jaħtar minfloku l-assistent tiegħu, Mro Willie Attard, peress li hu kien beda jegħja. Fl-1932, Miruzzi kien iddimetta wkoll minn surmast tal-'Beland' taż-Żejtun wara li għal darb'oħra kien ġie mġiegħel biex jirtira minn uliedu stess minħabba raġunijiet ta' saħħa. Dil-problema ta' saħħa tidher li kienet ilha ġejja sa mill-1922 – is-sena li fiha ħalla minn mal-banda 'Sant'Andrija' ta' Ħal Luqa – meta kien għad għandu 55 sena.

[3] Skont l-intervista ta' Chircop, sa sena qabel ma miet, Miruzzi kien beda jikteb opra li ma nafux fuq liema librett kienet qed tinħadem.

data tal-mewt ta' Miruzzi ma nsibuha mkien f'kitbietu, la fil-kotba tal-Ġublew tad-Djamanti (1964) u taċ-Ċentinarju tas-Soċjetà (1989), u lanqas fl-artiklu l-ieħor tiegħu, 'Maestro Antonio Miruzzi'.[4]

Kif se naraw, il-biċċa l-kbira tal-kotba, ġurnali lokali, u ħoloq (links) li jittrattaw il-mużika Maltija, b'mod partikolari fuq Miruzzi, ma jġibux id-data eżatta ta' mewtu. Dan kollu jaf il-bidu tiegħu minn intervista[5] li Mro Michael Chircop kien għamel lil bint Miruzzi fil-bidu tas-70ijiet, fejn ngħatatlu d-data tas-26 minflok it-23 t'Ottubru, 1944. L-istess żball fid-data nsibuh fl-artiklu li jidher fuq il-kompjuter, *Dall'Isola di Malta all'Italia, per studiare musica,* kitba bit-Taljan ta' Mro Stephen Dimech.[6] Hawnhekk, id-data tat-twelid ukoll mhix tajba, għax kif rajna fl-artiklu tas-sena l-oħra, Miruzzi twieled fix-xahar ta' Marzu u mhux f'Ottubru. U biex inkompli fuq dil-biċċa xogħol tal-kompjuter, jekk wieħed jidħol fil-ħolqa li ġejja: *goo.gl/MUTqbi*, jitla' ritratt tas-suppost funeral ta' Miruzzi. Iżda wieħed malajr jinduna li dan ma jistax ikun tiegħu għax hu miet fl-1944 u mhux fl-1929. Jerġa', fin-naħa tax-xellug tar-ritratt jidher ukoll it-tramm, li waqaf jopera proprju f'nofs Diċembru tal-1929. Fil-fatt, ir-ritratt li qed nitkellmu fuqu juri l-funeral tas-Sur Temi Conti[7] meta wasal fi Pjazza San Pawl fi Triq il-Kbira, il-Ħamrun stess. Hu miet fl-1932, u skont Mifsud Matrenza 'sarlu funeral kbir kif kien jixraqlu bħala President li dam jiddderieġi lis-Soċjetà għal kważi tletin sena.'[8]

Mill-banda l-oħra, id-data li jsemmi Grazio Anton Grech[9] hi l-waħda korretta meta jgħid li: 'Huwa (Miruzzi) miet fit-23 ta' Ottubru 1944, il-Ħamrun ...' Dat-tagħrif l-awtur kisbu mill-ġurnal *Il-Berqa* tal-31 t'Ottubru ta' dik is-sena, filwaqt li d-data tal-mewt kien ġabha mill-Att tal-Mewt Nru 2848/1944 tar-Reġistru Pubbliku ta' Malta. L-awtur l-ieħor, Joseph Vella Bondin[10] mexa fuq it-tagħrif li nsibu fil-ktieb ta' Grech, fejn f'sentenza jiddeskrivi wkoll kif kien sar il-funeral ta' Miruzzi billi jgħid li fih 'attendew diversi rappreżentanti ta' diversi għaqdiet mużikali, sabiex jagħtuh l-aħħar tislima.' L-istess deskrizzjoni nsibuha fl-intervista ta' Chircop: 'Il-funeral kien sar il-Ħamrun, fejn rappreżentanti tal-każini fejn hu kien serva ħadu sehem għall-aħħar tislima lil eks surmast.' Min jaf jekk waqt il-quddiesa tiegħu, li kienet saret fil-parroċċa ta' San Gejtanu, il-Ħamrun, indaqqewx xi siltiet mill-i*Stabat Mater* tiegħu?




Paġna ta' quddiem tal-partitura tal-iStabat Mater ta' Miruzzi


Parroċċa San Gejtanu
Ħamrun – Malta

Ċertifkat tal-Mewt

*St. Cajetan Parish - Ħamrun*
*Death Certificate*

Vol. IV Pg. 267 No. ____

Isem / *Name*: Antonio Miruzzi

Post tat-twelid / *Place of Birth*: E.O.: 78

Missier / *Father*: Joseph Miruzzi

Omm / *Mother*: Michelina Bonicci

Stat maritali / *Marital Status*: Armel minn Concetta Conti

Data tal-Mewt / *Date of Death*: 23-10-1944

Post tal-Mewt / *Place of Death*: Ħamrun

Post tad-Difna / *Place of Burial*: Santa Maria Addolorata

5/10/2017
Data

Kappillan

Ċertifikat tal-mewt ta' Miruzzi maħruġ mill-Parroċċa ta' San Gejtanu, il-Ħamrun.

Grech u Chircop ma jsemmux jekk il-banda Ġużeppina Ħamruniża daqqitx fil-funeral ta' Miruzzi peress li l-każin kien waqqaf kull attività mużiko-soċjali tiegħu matul il-Gwerra. Iżda skont Mifsud Matrenza, malli xterdet l-aħbar li l-Belt ta' Tripli kienet waqgħet f'idejn l-alleati f'Jannar tal-1943, 'is-Surmast Willie Attard malajr ġabar ħafna bandisti tal-post, ingħaqdu magħhom xi erba' bandisti refuġjati, u ffurmaw banda biex jiċċelebraw dir-rebħa storika'.[11] U minkejja li dil-banda kienet żgħira u spontanja, 'kellha l-elementi bandistiċi kollha biex tqajjem entużjażmu, toħloq ferħ, tnessi ftit mit-tbatijiet u tnissel tamiet qawwija fost il-poplu li r-rebħa aħħarija qiegħda fil-qrib.' Anki meta l-

[4] Ktieb tal-festa San Ġejtanu (1994).
[5] *In-Nazzjon Tagħna* tas-26 ta' Jannar 1972.
[6] Ħolqa (link): *goo.gl/zdwxF1*.
[7] Kien darbtejn President tal-Banda Ġużeppina Ħamruniża, l-ewwel darba bejn l-1889 u l-1896, u mbagħad bejn l-1904 u l-1925. Dal-President, li kien jiġi iben l-Imħallef Giovanni Conti, kien ċeda l-kariga tiegħu minħabba saħħtu.
[8] Ktejjeb 'Għaqda Mużikali San Ġużepp Ħamrun' 100 sena ta' ħajja u ħidma, p. 7.
[9] 'Erbatax-il profil ta' mużiċisti Għawdxin, Maltin u Barranin' (Stampat Għawdex, 1998).
[10] 'Il-Mużika ta' Malta fis-Seklu Dsatax u Għoxrin' (PIN, 2000).
[11] Mifsud Matrenza, Ktejjeb taċ-Ċentinarju, p. 24.

Italja kienet ċediet, u n-Navy Taljana daħlet fil-portijiet Maltin f'jum il-Vitorja, nhar it-8 ta' Settembru tal-istess sena; il-banda kienet wettqet marċ glorjuż u brijuż 'li qanqal u xegħel il-fjamma tal-patrijottiżmu.' Dan kollu jfisser li, l-imsemmija banda ġa kienet riattivat mużikalment ruħha sa mill-1943. Ta' min jgħid hawnhekk, li tlieta mill-presidenti ta' dis-Soċjetà kienu mietu fi żmien, jew eżatt wara li ntemmet il-Gwerra: is-seba' President, l-Avukat Nikola Delia (1898-1940), ir-raba' President, is-Sur Antonio Giacomotto (c.1853-1941) – li t-tnejn mietu fl-eqqel tal-Gwerra u allura wieħed jiddubita jekk kinux akkumpanjati mill-banda fil-funeral tagħhom – u t-tmien President, il-Prokuratur Legali Philip Azzopardi (1889-1945), fejn jingħad li kellu funeral mill-aqwa.

Skont iċ-ċertifikat tal-mewt li jien ksibt mill-parroċċa ta' San Gejtanu tal-Ħamrun, datat 5 t'Ottubru 2017, u ffirmat mill-Viċi Parroku, Dun Joe Gatt, nistgħu nikkonfermaw bla tlaqliq li Mro Antonio Miruzzi, iben Joseph Miruzzi u Michelina Brincat, u armel minn Concetta Cauchi, miet fid-dar tiegħu stess, il-Ħamrun, nhar it-23 t'Ottubru 1944, fl-età ta' 78 sena. Hu jinsab midfun fiċ-ċimiterju ta' Sta Marija Addolorata.

L-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Luqin fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Sant'Andrija, solennement iċċelebrata F'Ħal Luqa; fl-okkażjoni tal-75 anniversarju minn mewt Mro Antonio Miruzzi li kien surmast tal-banda Luqija bejn l-1914 u l-1922, u l-awtur tal-Innu tal-Banda 'Sant'Andrija'.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)